# Il-Madonna fil-Leġġendi Għawdxin

## Kitba ta'
## Anton F. Attard, B.A.

Fil-folklor Għawdxi nsibu tliet nisa li huma tabilħaq famużi. Dawn huma l-**Ġganta** li ġarret il-ħaġar kbir jew fdalijiet megalitiċi mxerrda mal-gżira kollha, in-**Ninfa Calypso** li kienet tgħammar ġewwa għar fix-Xagħra sewwa sew fuq ir-riħ tar-Ramla l-Ħamra, u l-**Madonna** li tagħha naraw santwarji, knejjes u niċeċ kullimkien. Dwar dawn it-tliet nisa nsibu diversi leġġendi interessanti li jagħmlu sehem mit-tradizzjoni leġġendarja hekk għanja tal-gżira ċkejkna tagħna. Għaliex Għawdex hu l-gżira tal-ħrejjef u l-leġġendi, li bihom aħna nħossuna tant kburin, u li waslu għandna bħala wirt imprezzabbli mgħoddi lilna minn missirijietna min-nisel għal ieħor matul il-medda ta' mijiet ta' snin.

**1. It-Tempju ta' Giunone ddedikat lill-Madonna**

Fost il-leġġendi Pawlini li niltaqgħu magħhom fil-folklor Għawdxi għandna dik tad-dedikazzjoni tat-Tempju ta' Giunone lil Marija Assunta. Għal żmien twil din il-leġġenda tqieset bħala storja vera, b'dana kollu, għalkemm illum nafu li hija leġġenda, fil-qalba tagħha jista' jkun hemm xi ħjiel ta' verità'. Il-leġġenda tgħid li meta San Pawl telaq minn Malta lejn Ruma huwa l-ewwel għadda Għawdex biex imbagħad minn hawn jissokta fi triqtu lejn il-Belt Eterna. Meta kien Għawdex huwa bidel it-tempju ta' Giunone li kien hemm fil-Belt imperrċa fuq il-għolja fejn illum hemm il-Gran Kastell. Dan it-tempju kien jinsab eżatt fejn illum hemm il-Kattidral ta' Għawdex ddedikat sa minn dejjem lill-Assunta. Fdalijiet ta' dan it-tempju Ruman instabu meta kien qiegħed isir il-bini tal-Kattidral attwali. Biċċiet ta' kolonni għadhom jeżistu sa llum, u x'uħud minnhom kienu ttieħdu biex iservu ta' bitti jew galoċċi fejn jorbtu ċ-ċwejjem tal-qxur tal-baħar fuq il-moll iż-żgħir, dak oriġinali, ġewwa l-Imġarr.



Dawk li joġġezzjonaw għall-verita' ta' din il-leġġenda jagħmlu dan għaliex il-Festa ta' l-Assunzjoni kienet stabbilita fil-punent ħafna snin wara minn żmien San Pawl u billi sa 'l fuq minn mitejn sena wara l-Għawdxin kienu għadhom jiddedikaw il-monument tagħhom lill-ħakkiema pagani. X'inhija, mela il-verita? Billi ħwejjeġ kbar ġeneralment jiġu attribwiti lil nies kbar, aktarx li wara li t-tempju ta' Giunone kien dedikat mill-ġdid lill-Madonna, dan l-avveniment hekk importanti ġie attribwit lil wieħed mill-aktar bnedmin kbar tar-reliġjon nisranija, l-Appostlu San Pawl innifsu. Il-fatt li l-Festa ta' l-Assunzjoni ġiet stabbilita ħafna snin wara l-miġja ta' San Pawl, dan ma jfissirx li l-qima lejn il-Madonna fir-Raqda tagħha u t-Tlugħ Tagħha fis-Sema ma kenitx bdiet. Anżi, skond il-kotba apokrifi, din il-qima għandha l-għeruq tagħha fi żmien l-Appostli.

**2. Il-Bini tas-Santwarju Nażżjonali tal-Qala**

Wieħed mill-eqdem santwarji tal-Madonna li jeżistu fil-gżejjer Maltin huwa, mingħajr l-iċken dubju, dak Nazzjonali tal-Qala. Jissejjaħ Nazzjonali għaliex fih sa minn dejjem kienu jmorru pellegrini mill-inħawi kollha ta' dawn il-gżejjer.




L-oriġini ta' dan it-tempju huwa wkoll mitluf fil-leġġenda. Jingħad li l-Għawdxin kienu se jibnu din il-knisja f'post imsejjaħ "tas-Salib" fil-bidu tar-raħal tal-Qala fejn illum għad hemm salib tal-ġebel. Kienu ħadu l-ġebel u kollox biex jibdew ix-xogħol, imma ġara li l-għada sabu li bil-lejl l-ġebel kien inġarr b'mod misterjuż fil-post imsejjaħ "tal-Ħalq". Il-Għawdxin reġgħu bil-qalb it-tajba ġarrew il-ġebel f'"tas-Salib" biex jibdew jibnu l-knisja. Imma għal darb'oħra l-ġebel inġarr b'mod misterjuż fil-post "tal-Ħalq". Għalhekk iddeċidew li jagħmlu l-għassa. Meta daħal il-lejl, f'ħin minnhom jaraw Sinjura Bajda li waqfet ħdejn il-ġebel, u mbagħad bdiet miexja 'l isfel lejn "tal-Ħalq" bil-ġebel kollu niexi warajha. Meta waslet f'"tal-Ħalq" waqfet u l-ġebel waqaf hemm, imbagħad is-Sinjura l-Bajda għabet.

Il-Għawdxin intebħu li dik is-Sinjura Bajda ma kienet ħadd għajr il-Madonna nfisha li hemmhekk f'"tal-Ħalq" riedet li jinbena t-tempju tagħha, kif fil-fatt sar.

**3. Il-Madonna tan-Niċċa tas-Santwarju tal-Qala**

Kien Dun Ġużepp Diacono, li dak iż-żmien kien Kappillan tal-Qala, li fl-1887 ħa ħsieb biex tinbena n-niċċa li hemm fuq il-frontispizju tas-Santwarju tal-Qala. Billi ma setax jonfoq flus fi statwa ġdida għal din in-niċċa, Dun Ġużepp qabbad qatgħa rġiel biex iġorru l-istatwa tal-Kunċizzjoni li kien hemm fil-Knisja tal-Blat qrib Ħondoq ir-Rummien. Meta tellgħuha, billi kien sar il-ħin, ħallewha fuq iz-zuntier tas-Santwarju. Ġara li xi nies ma hadux pjaċir b'din il-biċċa xogħol u riedu li l-istatwa tal-Knisja tal-Blat tibqa' fejn kienet. Bil-lejl qabdu l-istatwa u haduha lura fil-Knisja tal-Blat. Fil-Qala qam storbju kbir. Imma l-Kappillan ma qatax qalbu. Ġiegħel li jsir l-armar u xi ġimgħatejn wara reġgħu tellgħu l-istatwa biex iqegħduha fin-niċċa. Wieħed ġuvni qsajjar, jismu Ġużeppi, kien meħtieġ li jitla' ma' l-istatwa biex il-ħbula ma jinbarmux. Meta waslu fin-nofs dak ma felaħx aktar. Kien qiegħed iħoss uġigħ kbir kawża tal-ġarr ta' l-istatwa. Għalhekk, ħin bla waqt ħares lejn il-Madonna u qalilha: "Madonna, l-uġigħ li għandi kollu minħabba fik. Neħħihuli!" Ħaġa tal-għaġeb, l-uġigħ li kellu mar f'daqqa waħda, hekk li malli l-istatwa tqiegħdet f'postha, Ġużeppi qabeż għal fuq il-bejt qisu għasfur. Ġużeppi qatt ma xeba' jirrakkonta din il-ġrajja u l-istatwa tal-Kunċizzjoni fil-faċċata tas-Santwarju għadha hemm sa llum.

**4. In-Nar ġera warajh**

Mela darba, m'ilux snin kbar, il-knisja tal-Kunċizzjoni tal-Qala kellha bżonn dawra. Ir-rettur qabbad wieħed bajjad biex jieħu ħsieb ix-xogħol. Dan ġab l-armar u l-għodda u beda jaħdem. Wara ftit jiem, dan ir-raġel kien ħadem biċċa mhux ħażin u ressaq l-armar ħdejn il-lampier tal-Madonna. Dan il-lampier kien jinżamm dejjem mixgħul bħala att ta' qima lejn Sidtna Marija. Issa dan il-bajjad kien ipejjep u billi kien qiegħed jaħdem fil-knisja aktar kienet taqbdu l-leblieba għat-tipjip. Xtaq ipejjep sigarett, iżda sulfarina ma kellux. X'għamel? Ħasibha ftit, u meta ma ra lil ħadd, ħareġ sigarett u pprova jqabbdu mal-lampier tal-Madonna. Tbaxxa, ħa nifs 'il ġewwa u s-sigarett qabad. Iżda meta l-bajjad mar jerġa jqum, in-nar baqa' ġej miegħu. Dak, kif sab ruħu mdawwar bin-nar, twerwer. Qabeż minn fuq l-armar biex jeħles minnu, iżda n-nar baqa' jiġri warajh. Meta ra hekk ir-raġel kien se jiġġennen, u għalhekk rħielha b'kemm kellu saħħa għall-bieb ta' barra bin-nar jiġri warajh, u ma ħelisx minnu ħlief meta kien tbiegħed sewwa mit-tempju. L-istorja tgħid li dak ir-raġel ma nħaraqx, iżda twerwer. B'mod jew ieħor in-nies tal-Qala saru jafu b'din il-ġrajja. Il-poplu xegħel u qamet għagħa fir-raħal kollu. Kulħadd kien imwerwer minn dak ir-raġel u ħafna bezgħu jersqu lejn is-Santwarju. Mill-banda l-oħra, dak ir-raġel qatt ma daħal iżjed waħdu fis-Santwarju tal-Kunċizzjoni u wara ftit taż-żmien tbiegħed minn dawn il-gżejjer. Illum jinsab mejjet u midfun fl-Awstralja fejn kien emigra.

### 5. Il-Bini tal-Knisja Matriċi

Leġġenda simili għal dik tas-Santwarju tal-Qala tingħad dwar meta kienu se jerġgħu jibnu l-Knisja Matrici ta' Għawdex. Jingħad li l-Knisja Matriċi ta' Għawdex, illum Kattidral, inbniet kemm-il darba għaliex il-knisja l-qadima kull darba kienet titmermer u thedded li tiġġarraf. Iġġarrfet l-aħħar darba fis-sena 1693 b'terremot qawwi u nbniet mill-ġdid fuq pjanta ta' l-Arkitett Malti Lorenzo Gafa'. Skond il-leġġenda t-tempju antik ta' Giunone, jew xi knisja li nbiet warajh fl-istess post kienet fi stat ħażin ħafna jew iġġarrfet għal kollox. Il-Għawdxin riedu jibnu knisja oħra, imma xi ħadd ġietu l-idea li din kellha tinbena fuq il-Għolja ta' Gelmus li tinsab fil-qrib. Għalhekk ħadu l-ġebel fuq din il-għolja biex jibda l-bini. Imma ħaġa tal-għaġeb, matul il-lejl il-ġebel kien jerga' jingarr lura fuq il-Għolja tal-Kastell. Wara li din il-ħaġa ġrat xi tliet darbiet, l-Għawdxin ħadu dan il-fatt bħala sinjal mis-sema li l-Madonna ma reditx li l-knisja tagħha tinbena fuq ta' Gelmus, imma fejn hi illum, fil-qalba taċ-Ċittadella, il-Belt il-Qadima tal-Għawdxin. Kif tista' tiġi interpretata din il-Leġġenda? Wisq probabbli ġie żmien li l-Knisja ta' l-Assunta fil-Kastell sfat fi stat tant ħażin li kienet qiegħda tintuża wkoll għal skopijet oħra barra dawk reliġjużi, inkluż dak ta' residenza minn nies li ma kellhomx fejn joqogħdu. Ma rridux ninsew li dari kien perikoluż ħafna li wieħed joqgħod jew jorqod barra mis-swar tal-Kastell minħabba l-ħallelin tal-baħar li ta' sikwit kienu jattakkaw lil Għawdex. Għalhekk, min kien jużа l-bini tal-knisja l-qadima seta' kellu interess li l-bini tal-knisja l-ġdida jsir banda oħra. Jista' jkun ukoll li kien hemm minflok il-knisja il-qadima ried jagħmel xi bini ieħor, per eżempju ħwienet. Din il-ħaġa ġrat fil-każ tal-knisja ta' San Ġużepp tas-Suq. (Ara Farrugia, Mons. Dun Ġużepp, *Għawdex bil-Ġrajja Tiegħu, it-Tieni Ktieb*, 1953, p. 75). Iżda, bħal fil-każ ta' San Ġużepp tas-Suq, il-pjan ma seħħx u dak li gara ġie attribwit lill-Madonna.

### 6. Deheb fil-Qanpiena

Leġġenda ħelwa ħafna dwar il-Knisja Matriċi, illum Kattidral ta' Għawdex, hi dik dwar id-deheb fil-qanpiena. Jingħad li meta l-fondatur kien qiegħed jagħmel il-qanpiena ż-żgħira daħlet mara b'ħoġor deheb u xeħtitu fl-inħasa biex jitħallat mal-bronż tal-qanpiena. Jingħad li dik il-mara kienet il-Madonna. Għalhekk il-qanpiena ż-żgħira ddoqq hekk ħelu meta tkun riesqa l-festa. X'uħud iżidu jgħidu li d-deheb intefa' fil-qanpiena l-kbira u li l-Madonna, b'tifkira, tiġi kull sena u nhar il-festa tagħha titfa' ħoġor deheb ieħor fil-qanpiena.

### 7. L-Infern jagħlaq

U fl-aħħar tasal il-festa ta' l-Assunta fil-15 ta' Awissu. Din hija l-akbar festa tal-Madonna għaliex tfisser it-trijonf ta' l-omm ta' Ġesù Kristu fuq il-mewt u l-premju hekk mistħoqq tat-tlugħ tagħha fis-sema bir-ruħ u l-ġisem. Ħafna Għawdxin jemmnu li fil-jum tal-15 ta' Awissu l-Infern jagħlaq. Dan ifisser li skond it-twemmin tal-Għawdxin il-Madonna ma tridx li fil-jum tat-tifkira tat-tlugħ tagħha fis-sema xi ħadd jintilef, u għalhekk, kull min imut f'din il-festa jaqla' grazzja speċjali u jsalva żgur. Jingħad ukoll li mill-bidu tal-kwindiċina sal-festa jridu jmutu seba' żgħażagħ twajba li l-Madonna tkun trid teħodhom magħha l-ġenna nhar il-festa tagħha f'nofs Awissu.

### 8. Il-Madonna li tħaġġar

Fil-Knisja Arċipretali taż-Żebbuġ hemm kwadru antik li jissejjaħ tal-Kunċizzjoni. Iżda dan fil-fatt hu kwadru ta' l-Assunżjoni li ġie miżjud wara. Jingħad li meta t-Torok kien jaħbtu għal Għawdex din il-Madonna kienet tidher tħaġġar lill-egħdewwa invażuri u tkeċċihom lejn xatt il-baħar minfejn ikunu ġew. Jingħad li l-Misilmin kienu jaħarbu jiġru mwerwrin għaliex kienu jaraw mara sabiħa li kienet tħaġġarhom bla ħniena sakemm tkeċċihom 'il bogħod minn din il-gżira tagħha.

### 9. Il-Knisja tal-Madonna ta' Pinu

Il-Knisja tal-Madonna ta' Pinu hija wkoll iddedikata lill-Assunta. Din il-knisja kemm-il darba nbniet u reġgħet sabet ruħha fi stat ħażin. L-isqfijiet kienu allura jipprofanawha, jiġifieri jiddesagrawha biex ma tibqax għall-kult divin. Darba minnhom tant kienet fi stat ħażin li l-Viżitatur Appostoliku fis-sena 1575 ipprofanaha u n-nies iddeċidew li jwaqqgħuha għal kollox. Iżda meta l-ħaddiem ta l-ewwel daqqa bil-baqqun huwa kiser idu. Dan il-fatt ġie interpretat bħala li l-Madonna ma tridx li din il-knisja tagħha tinqered. Għalhekk, minflok ma waqqgħuha, reġgħu sewwewha u bnew il-partijiet imġarrfa mill-ġdid. Hekk il-knisja baqgħet magħna sakemm fit-22 ta' Ġunju tas-sena 1883, fl-10.00 ta' fil-għodu, it-twajba Karmni Grima, xebba mill-Għarb, semgħet il-leħen tal-Madonna jsejħilha mill-kwadru u wara mbagħad t-tempju bażilikali maestuż li illum.

**10. Il-Madonna ta' Loretu f'Għajnsielem**



Meta mqabbel ma' rħula oħra f'Għawdex ir-raħal ta' Għajnsielem hu wieħed relattivament ġdid. F'dan ir-raħal hemm pjazza żgħira fejn kien hemm għajn tal-ħasselin li minnha ħa ismu dan il-lokal. Din il-pjazza jisimha l-Pjazza tad-Dehra. Jingħad li wieħed raġel magħruf bħala Anġlu Grech tax-Xini minn Għajnsielem, li kien devot kbir tal-Madonna ta' spiss kien jgħid ir-rużarju mqaddes, anki meta kien ikun jaħdem fir-raba' tiegħu. Lejla waħda, fil-waqt li kien qiegħed jisqi l-bhejjem tiegħu fuq il-għajn ta' Għajnsielem dehritlu Sinjura sabiħa ħafna u kkmandatu biex iwaqqaf statwa tal-Madonna ta' Loretu. Il-Madonna wrietu wkoll il-post fejn kellha titwaqqaf din l-istatwa li jaħbat sewwa sew fejn illum hemm il-knisja parrokjali l-qadima ta' Għajnsielem. Il-bidwi twajjeb ġabar madwaru n-nies tar-raħal u semmielhom x'kienet qaltlu u x'ordnatlu l-Madonna. Dak iż-żmien in-nies ta' Għajnsielem kienu fqar, imma xorta waħda rnexxielhom jiġbru kemxa flus ħalli biha jwaqqfu statwa tal-Madonna fejn riditha hi stess. Ta' kull jum, in-nies kienet tinġabar madwar din l-istatwa tgħid ir-rużarju bl-akbar devozzjoni. Ta' kull sena l-Kappillan tan-Nadur, li mal-parroċċa tiegħu kienu jagħmlu dawn l-inħawi, kien jinżel bil-kleru u jagħmel il-għasar fil-beraħ ħdejn l-istatwa. Xi żmien wara flok l-istatwa nbniet knisja ġdida li fis-sena 1855 saret parroċċa għaliha.

**11. Id-Dawl tal-Madonna**

Kien hemm darba wieħed raħħal jismu Frenċ, imlaqqam tal-Manikk. Dan kien irabbi l-baqar. Darba waħda niżżel il-baqra biex tixrob mill-għajn - Għajn Sielem - dik il-għajn li minnha ħa ismu dan ir-raħal Għawdxi. Kien id-dlam u ma setax jara. "Kif se nisqiha l-baqra f'dan id-dlam kollu"? qal Frenċ bejnu u bejn ruħu. U l-Madonna li kienet taf li dan ir-raġel twajjeb ried il-għajnuna tagħha, tefgħetlu minn jeddha d-dija tagħha għal fuq il-ħawt kbir ta' ġebel samm li ġo fih kien jixteħet l-ilma ġieri ta' Għajn Sielem. U hekk, minkejja d-dlam, Frenċ seta' jisqi l-baqra tiegħu fid-dawl tal-Madonna.



**12. Il-Knisja taż-Żejt**

Fl-inħawi qrib il-ħâra ta' Santu Pietru ġewwa l-Għarb hemm knisja qadima ferm b'ċimiterju magħha li kienet l-ewwel knisja parrokkjali ta' dan ir-raħal. Jingħad li f'dawn l-inħawi kienet toqgħod mara fqira jisimha Marija. Din il-mara kienet devota kbira tal-Madonna imma kienet hekk fqira li ma kellhiex biex tixtri ftit żejt għal-lampier. Lill-Madonna kienet iġġibilha biss xi fjuri selvaġġi li kienet tlaqqat mir-raba' ta' l-inħawi. Lejla minnhom dehrilha li rat lill-Madonna ssejħilha u qaltilha biex l-għada fil-għodu tieħu magħha l-qolla għaliex kien se jkollha biżżejjed żejt biex tixgħel il-lampier. Hekk għamlet u meta waslet ħdejn il-knisja, b'għaġeb kbir tagħha tara għajn tnixxi ż-żejt. Ferħana se ttir, Marija mliet il-qolla biż-żejt u marret biex toffri dak iż-żejt għal-lampier tal-Madonna.Meta saru jafu li fil-Għarb kienet tfaċċat għajn taż-żejt, nies mill-inħawi kollha ta' dawn il-gżejjer bdew imorru f'dan ir-raħal biex jieħdu minn dak iż-żejt għall-ħtiġijiet tagħhom. Iżda mbagħad xi ħadd ġietu l-idea li jibda jinnegozja dan iż-żejt. Beda jinqala' l-ġlied u kwistjonijiet sakemm għodwa waħda, b'għaġeb ta' kulħadd, il-għajn taż-żejt nixfet għal kollox u baqgħet tissemma biss bħala leġġenda.

**13. Ir-Raġel Qaddis ta' Santu Pietru**

Mela darba kien hemm omm xwejħa u għanja li kellha joqgħod magħha lil binha. Dawn kienu joqogħdu f'dar fil-ħâra magħrufa bħala "ta' Santu Pietru", in-naħa ta' ġewwa tal-Għarb u ftit il fuq mill-Knisja taż-Żejt. Dan

ir-raġel u ommu kienu ta' kull jum imorru flimkien fil-Knisja taż-Żejt biex jitolbu lill-Madonna. Ir-raġel kellu d-drawwa li ta' kull darba jixgħel il-lampier ta' quddiem ix-xbieha tal-Madonna. Jum fost l-oħrajn ommu mietet u r-raġel baqa' fid-dar waħdu. Huwa baqa' jżur il-knisja bħal dejjem u issa kien qiegħed jitlob b'ħerqa kbira lill-Madonna biex tħallih ikun jaf il-jum ta' mewtu. Il-Madonna semgħet it-talb ħerqan tiegħu u qatgħetlu xewqtu. Huwa sar aktar twajjeb u qaddis u l-fama ta' tjubitu kienet fuq xufftejn kulħadd. Fl-aħħar il-jum li kien ilu hekk jistenna wasal. Bagħat lill-qaddej jixtrilu xi affarijiet, imbagħad libes l-aħjar ħwejjeġ u talab. Ġew, mela, l-anġli mis-sema u l-ġirien qalu li semgħu d-daqq u l-għana tagħhom". Imbagħad, fil-ħemda u bla ebda wġigħ, dan ir-raġel twajjeb radd ruħu lil Alla.

**14. Il-Kwadru li reġa mar f'postu**

Billi l-Knisja taż-Żejt kienet żgħira ħafna u 'l bogħod mill-qalba tar-raħal, in-nies tal-Għarb ħasbu biex jibnu knisja parrokkjali ġdida, iżda minħabba l-faqar, mard u diffikultajiet oħra, din damet tinbena żmien twil. Kienet lesta fl-1729, ħamsin sena wara li saret parroċċa. Issa kemm il-qassisin kif ukoll in-nies xtaqu li jieħdu l-kwadru titulari mill-knisja l-qadima għall-knisja l-ġdida. Għalhekk, tgħid il-leġġenda, saret purċissjoni u l-kwadru ttieħed mill-Knisja taż-Żejt għall-knisja l-ġdida. Imbagħad il-kwadru twaħħal f'postu fuq l-artal tat-titular f'din il-knisja l-ġdida. Il għada fil-għodu, meta n-nies marru jisimgħu l-quddies, raw li l-pittura titulari ma kenitx għadha hemm. Għall-bidu ħasbu li nsterqet. Fl-istess ħin is-sagristan tal-Knisja taż-Żejt ra l-pittura titulari mwaħħla f'postha bħal qabel. In-nies ħasbet li din kienet xi biċċa xogħol li saret fis-satra tal-lejl minn xi ħadd li xtaq li l-pittura tibqa' fil-knisja l-qadima. Għalhekk reġgħu għamlu purċissjoni oħra u l-kwadru titulari reġa' ttieħed fil-knisja l-ġdida u għal tliet darbiet reġa' nstab imwaħħal f'postu fil-Knisja taż-Żejt. B'dan il-mod in-nies tal-Għarb għarfet li l-Madonna xtaqet li l-kwadru titulari tal-Knisja taż-Żejt kellu jibqa' fejn kien, kif fil-fatt għadu hemm sa llum.

**15. Il-Madonna tal-Grazzja u l-Purċissjoni tal-Kapuċċini**

Madwar erbgħin sena qabel ma l-Patrijiet Kapuċċini rifsu f'Għawdex, għall-ħabta ta' nżul ix-xemx f'xi jum aktarx tas-sena 1693, deħret fl-inħawi ta' Forn il-Ġir purċissjoni ta' reliġjużi lebsin bħall-Fqajjar ta' Assisi, għadejjin b'devozzjoni kbira wara Xebba sabiħa li ġmielha kien kollu kemm hu tas-sema. Bosta kienu dawk in-nies li setgħu jarawha għaddejja billi damet għal ħin twil, u kulħadd beda jistaqsi xi tfisser dik il-purċissjoni bla ħadd, iżda ma seta' jagħti tweġiba sewwa. Meta mbagħad marru hemm il-Kapuċċini fl-1736, kulħadd fehem li dik id-dehra, erbgħin sena qabel, kienet ħabbret il-miġja tagħhom f'dak il-lok magħżul mill-Madonna, Omm, Sultana u Patruna ta' l-Ordni tagħhom.

**16. Id-Dehra tal-Kwadru ta' Pompej**

Wieħed raġel xiħ magħruf bħala Ġużeppi ta' Grabiel, li kien rikoverat fl-Ospizju tax-Xjuħ li kien hemm ma' l-Isptar tar-Rabat fi Pjazza San Franġisk, darba waħda, fil-waqt li kien f'waħda mill-btieħi ta' l-Isptar lemaħ kwadru enormi tal-Madonna ta' Pompej li kien qiegħed mdendel bejn sema u art. Dan il-kwadru mbagħad niżel bil-mod u qagħad fuq ħafna siġar tal-palm tal-bajtar li kien hemm f'għalqa fil-qrib. Dan il-fatt ġara għal nofs is-seklu l-ieħor u Ġużeppi, bniedem magħtub mit-twelid u li kien jimxi bil-krozzi, qal b'kollox li waħda ħabiba tiegħu jisimha Katerina, imlaqqma tan-Naznajz, li kienet tmur taqdih f'dak li jkollu bżonn. Ġara,



imbagħad li fis-snin tmenin tas-seklu l-ieħor f'dak il-post inbena s-Santwarju ta' Pompej bil-kunvent tas-Sorijiet Dumnikani mwaqqfa f'Għawdex minn Karolina Cauchi. Il-kunvent bis-santwarju huma l-Casa Madre ta' din il-kongregazzjoni ta' reliġjużi nisa.

**17. Il-knisja ta' l-Assunta fuq u il-Quċċata ta' Dbieġi**

Fl-antik fuq il-quċċata tal-Għolja ta' Dbieġi, l-ogħla ponta ta' Għawdex, kien hemm knisja qadima sħiħ iddedikata

lill-Assunta li magħha kien hemm marbuta din il-leġġenda. Wieħed kaptan Franċiż kien qiegħed jivvjaġġa fuq il-bastiment tiegħu lejn il-Barbarija. Matul il-vjaġġ qabditu tempesta l-aktar kbira li qajmet ħalel kbar ta' baħar qawwi li riedu jibilgħuh bil-bastiment b'kollox. Mewġa, ħalla wara ħalla, fagħal wara fagħal, il-kaptan u n-nies tiegħu ma kien baqgħalhom ebda tama li jeħilsuha mill-għarqa. Kien dak il-ħin li, imnebbaħ, irrikmanda ruħu lill-Madonna u wegħidha li jekk jeħles hu u sħabu fl-ewwel art li jsib ruħu fiha jibnilha knisja spejjeż tiegħu. Il-Madonna semgħet talbu u billi l-ewwel ma lemaħ mill-baħar kienet din ta' Dbieġi, hemm fuqha bena l-knisja lil Sidtna Marija. In-nies kienet taf b'dan il-miraklu tal-Madonna u għalhekk minn dejjem żammet lil din il-knisja b'għożża kbira u ta' sikwit kienet tmur tinvistaha. Illum din il-knisja spiċċat u flokha hemm biss tumbata fuq in-naħa tat-tramuntana tal-għolja, iżda għadha teżisti pjanta antika li fuqha tidher impinġija din il-knisja ta' fuq il-Għolja ta' Dbieġi.

**18. In-Niċċa tal-Fgura**



L-inħawi li jinsabu fil-bidu aħna u deħlin il-Għarb jissejħu l-Fgura. Dawn ħadu isimhom mill-istess niċċa fejn kien hemm kwadru qadim tal-pittura, għaliex il-kelma "Fgura" ma tfisser xejn ħlief "figura" jew aħjar xbieha tal-Madonna fl-inkwadru. Biż-żmien il-pittura tmermret u flokha saret statwa tal-Madonna. In-niċċa li hemm illum hija wkoll ġdida u kienet inbniet minflok waħda qadima li kienet tinsab in-naħa l-oħra tat-triq u li twaqqgħet biex titwessa t-triq. Ġie żmien bi żmien, tgħid il-leġġenda, li qabel ma nbniet in-niċċa tal-Fgura fl-inħawi kienu jinstemgħu ħsejjes kbar li kienu qegħdin ibeżżgħu lil kulħadd. Ħadd ma kien għadu jażżarda jgħaddi minn hemm, l-aktar fil-ħinijiet mudlama. Il-ħsejjes kbar ma kinux iwerwru biss lin-nies, imma saħansitra kienu wkoll inaffru l-bhejjem tat-tagħbija bħal ħmir, bgħula u żwiemel. Il-bhejjem kienu jitfernżu qishom qegħdin jaraw xi dehra ta' barra minn hawn u ma kinux iridu jimxu iżjed. Tistgħu taħsbu kemm tnikktu n-nies tal-Għarb quddiem ħaġa bħal din li kienet qegħda tfixkilhom milli joħorġu jew jidħlu bil-kwiet fir-raħal tagħhom mit-triq ewlenija. Biex jeħilsu minn dan il-għawġ kollu qatgħuha li jibnu niċċa lill-Madonna biex tħarishom mill-ħsejjes ta' barra min hawn li kienu qegħdin ifixkluhom fi triqthom u jagħmluhom ħajjithom ta' dwejjaq. Imbagħad, malli nbiet in-niċċa l-ħsejjes waqfu tassew u ma nstemgħu qatt iżjed. Skond it-tradizzjoni storika din in-niċċa tal-Fgura nbniet madwar is-sena 1592 meta waqfet l-imxija tal-flaġell tal-pesta li kien qiegħed jaħkem fuq Malta u Għawdex f'dawk iż-żminijiet.

**19. Il-Midgħi weħel ma' l-art**

Fost in-niċeċ qodma li bihom jinsab imżejjen ir-Rabat ta' Għawdex hemm waħda tal-Madonna ta' Loretu sewwa sew f'tarf Triq Għajn Qatet ftit wara li taqbad in-niżla ta' Triq ix-Xewkija. Din in-niċċa wkoll għandha l-leġġenda tagħha. Żmien twil ilu kienu għaddejjin minn ħdejn din in-niċċa żewġt irġiel ħżiena. Dawn iż-żewġt irġiel kienu ilhom it-triq kollha jidgħu u jitkellmu ħażin. Waslu, mela, quddiem din in-niċċa, imma flok ma waqfu biex igħidu daqsxejn ta' talba jew ġakulatorja, dawn komplew jidgħu u jitkellmu ħażin. Malli waslu quddiem in-niċċa sewwa, wieħed mill-midgħija f'daqqa waħda ħassu jinġibed mill-art li kien miexi fuqha u ma setax iċaqlaq saqajh iżjed. Kollu għalxejn li jipprova jibqa'sejjer.Ma setax jitħarrek aktar. Kien weħel ma' l-art! Malli ra hekk sieħbu twerwer bil-biża'. Dak ħarab jiġri u tbiegħed minn hemm b'kemm tatu saħħtu. Il-midgħi, imriegħex u b'rogħda kbira fuqu, refa' ħarstu lejn il-Madonna. Hemm dehret il-Madonna bil-qiegħda fuq id-Dar Imqaddsa ta' Loretu bħalli kieku qegħda ttir fuqha. Kemm kienet imnikkta l-Madonna tan-Niċċa dak in-nhar! Dak il-ħin il-midgħi ftakar kemm kien kasbar għal xejn b'xejn l-ismijiet għeżież ta' Alla, tal-Madonna u tal-Qaddisin bid-dagħa faħxi tiegħu. Intebaħ ukoll bl-iżball li kien fih u nidem. Għalhekk talab bil-ħerqa lill-Madonna biex teħilsu minn dak il-kastig aħrax u umiljanti. U l-Madonna, Omm ħanina ta' kulħadd, semgħet talbu, ħafritlu u l-għada seta' jerġa' jibda jimxi mill-ġdid.

**20. Il-Madonna ta' l-Anġli**

Fost in-niċeċ qodma u antiki li niltaqgħu magħhom fir-raħal pittoresk tax-Xagħra, Għawdex, hemm waħda fit-Triq ta' Marsalforn imsejħa "tal-Madonna ta' l-Anġli jew ta' Lindju". Il-festa tagħha ssir fl-ewwel Ħadd ta' Awissu. In-niċċa tal-Madonna ta' l-Anġli għandna marbuta magħha leġġenda ħelwa. Żmien twil ilu, meta t-Torok kienu jinżlu fuq ix-xtut ta' dawn il-gżejjer jisirqu, jaħarqu u jkaxkru kulma jiġi għal idejhom, nies, bhejjem u tjur, kien igħix fix-Xagħra ta' Għawdex wieħed bidwi li kien jismu Indri', imlaqqam "Il-Lindju". Dan il-bidwi kellu r-raba' tiegħu ħdejn fejn illum hemm din in-niċċa. Ta' kull sena, fi żmien id-dries, Indri l-Lindju kien jagħmel l-andar, jiġifieri l-qiegħa biż-żara, bil-qatet tal-qasbija u t-tiben madwarha, fil-għalqa tiegħu u hemm kien joqgħod fuq il-qiegħa għassa mat-tiben u l-qamħ kif kienet id-drawwa tal-bdiewa Għawdxin f'dawk iż-żminijiet. Darba waħda niżlu l-art it-Torok u bil-lejl qabduh u kaxkruh ilsir għal fuq xini li kien qiegħed jistenna fid-Daħla ta' Għajn Barrani fix-Xagħra. Minn hawn l-imsejken Indri' ħaduh il-Barbarija fejn bigħuh ilsir. Indri' bata ħafna fil-jasar u ra ma' wiċċu tgħidx kemm. Imma ma qatax qalbu. Huwa għamel wegħda lill-Madonna li jekk jerġa' lura lejn artu, il-gżira fejn twieled u trabba, jibnilha niċċa u jżejjinha bi statwa tagħha.Għadda ż-żmien u sa fl-aħħar Indri' qala' l-grazzja li kien hekk jixtieq. Malli ħeles mill-jasar u sab ruħu Għawdex, huwa bena niċċa sabiħa u hemm ġewwa fiha poġġa statwa tal-Madonna mdawra bl-anġli. Skond it-tradizzjoni, minn dak iż-żmien 'il hawn il-Madonna ta' l-Anġli baqgħet taqla' lix-Xagħrin u lil dawk kollha li jitolbuha, grazzi fuq grazzi. Tant hu hekk li, kif jingħad, meta fl-1814 ir-raħal tax-Xagħra nħakem mill-qilla tal-marda tal-pesta bubonika, it-Triq ta' Marsaforn, fejn tinsab din in-niċċa, baqgħet bla mittiefsa.

**21. Il-Madonna ta' Portu Salvu, in-Nadur**

Wieħed kaptan Għawdxi imlaqqam *"iċ-Ċimċem"* imqabad bl-iskuna tiegħu f'maltempata qawwija. Din l-iskuna kienet taħdem bejn Malta u Sqallija. Kienet hekk kbira t-tempesta li hu l-baħrin sfaw il-baħar. Dan il-kaptan għamel wegħda li jekk isalva jibni niċċa lill-Madonna taħt it-titlu ta' Portu Salvu. Il-Kaptan u l-baħrin inġabru minn vapur Taljan u salvaw. *"Iċ-Ċimċem"* kompla l-wegħda li kien għamel. Ħa miegħu Sqallija ġebla li wara tnaqqxet fi statwa tal-Madonna ta' Portu Salvu u bnielha niċċa. Fost l-aktar nies devoti lejn din in-niċċa hemm is-sajjieda ta' Daħlet Qorrot.

**22. Il-Madonna tal-Ħniena tas-Sellum tax-Xagħra**

Kulmin jitla' jew jinżel mit-triq wieqfa msejħa mill-Għawdxin kollha "Is-Sellum tax-Xagħra", fuq nett għandu jilmaħ niċċa sabiħa. Din tissejjaħ "in-Niċċa tal-Sellum" u hija ddedikata lill-Madonna tal-Ħniena. Jingħad li fi żmien il-Pesta bubonika tax-Xagħra li ħakmet lil dan ir-raħal fis-sena 1814, dawk l-impestati li kienu jifilħu, kienu johorġu mill-isptar tal-pesta li kien jinsab f'razzett fil-qrib u jmorru f'dan il-post, li dak iż-żmien kien għadu għalqa, ħalli jitolbu lill-Madonna tal-Grazzja u lil Sant'Orsla biex iħennu għalihom u għal raħalhom u jeħilsuhom mill-flaġell tal-pesta. Il-kwadru tal-Madonna tal-Grazzja kien ikun espost taħt il-portiku tal-Knisja tal-Kapuċċini fir-Rabat li tinsab faċċata u l-bust ta' Sant'Ursla kien ikun espost fil-gardjola ta' San Ġwann tal-Gran Kastell li tħares lejn ix-Xagħra. Wara dan fl-istess post inbniet din in-niċċa dedikata lill-Madonna tal-Ħniena bħala ħajr talli ħennet għar-raħal tax-Xagħra.

**23. Il-Madonna ta' Gajdoru**

Proprjament il-kelmiet ta' Gajdoru ġejjin minn isem bil-Latin "Santa Maria Gaudiorum" li jfisser l-Imqaddsa Marija tal-Ferħat. L-inħawi ta' Gajdoru jinsabu x-Xagħra fuq ir-riħ tar-Ramla l-Ħamra. Skond il-leġġenda f'dawn l-inħawi bejn is-sena 500 A.D. u -sena 1260 A.D. kien hawn l-ewwel kunvent ta' l-Agostinjani f'dawn il-gżejjer li kien iddedikat lill-Madonna taħt dan it-titlu. Iżda meta l-attakki tat-Torok bdew jiżdiedu, il-Patrijiet ta' Sant'Wistin abbandunaw dan il-post u marru f'kunvent ieħor ir-Rabat biex ikunu qrib il-Gran Kastell jew aħjar il-Belt il-Qadima tal-Għawdxin. Il-kwadru oriġinali jinsab fil-Kunvent ta' Sant'Wistin, ir-Rabat, u dak li hemm fin-niċċa huwa kopja magħmula minn Wistin Camilleri, l-istatwarju magħruf Għawdxi.

**24. Il-Madonna ta' Triq Seguna, f'ta' Sannat**

Mad-dar Nru 27 fi Triq Seguna, ta' Sannat, hemm niċċa antika tal-Madonna bil-Bambin f'idha li tmur lura sas-seklu tmintax. Jingħad li darba fost l-oħrajn, qabel is-sena 1900, vapur li kien għaddej minn quddiem il-bajja Marsalforn, kien mitluf f'maltempata kbira. Ħin minnhom il-Kaptan lemaħ dawl fil-bogħod. Kemm il-

kaptan kif ukoll il-baħrin għamlu kuraġġ u rnexxielhom isalvaw. Meta l-kaptan u l-baħrin kienu l-art, huma fittxew staqsew dwar dak id-dawl, u meta saru jafu li dak id-dawl kien ġej mill-lampa li kienet tixgħel biż-żejt quddiem il-Madonna, il-kaptan offra somma flus lil ċertu Franġisku Mizzi biex bihom ikun jista' jinxtara ż-żejt ħalli d-dawl tal-Madonna jibqa' jinxtegħel. Imma din is-somma ta' flus imbagħad marret għall-Madonna ta' Pinu li dak iż-żmien kienet iżjed fil-bżonn.

**25. Il-Madonna taċ-Ċiċri**

Kien is-seklu tmintax u f'Għawdex kienet waqgħet nixfa kbira. Il-Gvern ried jara x'jagħmel biex jagħti l-ilma lill-poplu taż-Żebbuġ. Ix-xogħol bl-appalt indaħal għalih wieħed raġel imlaqqam *"iċ-Ċiċri"* li kellu jħaffer għall-ilma fil-blat żonqri taż-Żebbuġ *"Iċ-Ċiċri"* għamel wegħda li jekk ma jsibx blat iebes wisq u jekk isib l-ilma, jagħmel niċċa lill-Madonna. U ġara li l-art ma nzertatx iebsa wisq u fl-aħħar nett sab l-ilma. Bħala ħajr lill-Madonna hu wettaq il-wegħda tiegħu billi fis-sena 1795 bena niċċa lill-Madonna taħt it-titlu ta' *Marija Omm tal-Ħniena*. Iżda nies taż-Żebbuġ baqgħu jsejħulha bil-laqam tar-raġel li bnieha, il-Madonna taċ-Ċiċri. U mhux hekk biss, anki l-istess triq ħadet isimha mill-laqam ta' dak ir-raġel.

**26. Il-Madonna taż-Żirżieb**

Iż-Żirżieb huwa xifer ta' blat fuq il-baħar bejn ix-Xlendi u Kap Bumbadra f'Għawdex. Xi sajjieda Għawdxin li jħobbu jixxabbtu mas-sisien għoljin ta' fuq il-baħar biex jistadu għall-ħut, iħobbu jinżlu jistadu fuq dan ix-xifer. Darba wieħed sajjied jismu Indri' niżel jistad hawnhekk. Fil-waqt li kien jistad ġiet ħalli baħar u ħaditu, u l-imsejken Indri' sab ruħu qalb il-mewġ qawwi u kollu ragħwa bajda. Kollu għalxejn li pprova jitla' fuq il-blat. Is-sies kien lixx u għoli wisq. F'daqqa waħda Indri' lemaħ Sinjura bajda li b'sebagħha kienet qiegħda turih lejn fejn kellu jgħum. B'għaġeb kbir tiegħu ntebaħ li x-xlief kien għadu mdendel mal-blat u kien qiegħed jixxejjer min-naħa għal oħra mar-riħ. Indri' għam lejn dik in-naħa, qabad miegħu, taħ xi żewġ skossi biex jara hux sod, u mbagħad ixxabbat miegħu għal fuq ix-xifer tal-blat. Imbagħad Indri' dar biex jiżżi ħajr lil dik is-Sinjura talli kienet ħelsitu minn għarqa żgura. Imma dik is-Sinjura, li kienet il-Madonna, kienet għabet qabel ma biss seta' jgħidilha grazzi. Minn dak iż-żmien dak il-post beda jissejjaħ wkoll *iż-Żirżeib tal-Madonna.*

**27. L-aħħar Għanja lill-Madonna**

Kien hemm darba wieħed raġel li tbiegħed mill-Knisja u taha għar-tbaħrid u d-divertiment. Id-devozzjonijiet kienu spiċċaw għalih; la kien għadu jrid jaf b'talb u lanqas b'rużarju. Fil-għaxijiet dan ir-raġel kien iqattagħha fil-ħwienet jixrob u jilgħab. Kien imur lura d-dar fit-tard bil-lejl, il-biċċa l-kbira fis-sakra u jitkellem ħażin jew jistħet xortih għaliex ikun mar ħażin fil-logħob. Għandkom tkunu tafu li fit-triq li tieħu għad-dar ta' dan ir-raġel kien hemm niċċa tal-Madonna tal-Karmnu. Kif għidna dan ir-raġel kien ħżien għal kollox, imma lill-Madonna tan-Niċċa ma nsieha qatt. F'qalbu kienet għadha tnemnem l-imħabba lejn din il-Madonna. Iżda billi dan ir-raġel ma kienx għadu jħabbel rasu bit-talb jew bil-ġakulatorji, kull meta jasal quddiem dik in-niċċa, kien ineħħi l-berrita u jgħanni għanja lill-Madonna. Mela darba kif wasal ħdejn in-niċċa dehrulu ta' l-infern li kienu ġew għalih biex jeħduh. Dan ir-raġel twerwer bil-biża' kif sab ruħu mdawwar bix-xjaten. Dak il-ħin ħarstu waqgħet fuq in-niċċa tal-Madonna tal-Karmnu. X'jagħmel? Qalilhom lix-xjaten, "Qabel ma teħduni, ħalluni għal-inqas ingħanni l-aħħar għanja lill-Madonna". U x-xjaten ħallewh. Dak ir-raġel ħares lejn il-Madonna u beda jgħanni minn qalbu:

"L-aħħar għanja li ħa ngħanni
jiena biha ġejt maqbud;
Int, Madonna minn tal-Karmnu,
agħtini illum l-ajjut!"

Kienet għanja żgħira, imma talba sinċiera. U l-Madonna tal-Karmnu, li qatt ma nsiet lid-devoti tagħha, laqgħet ukoll it-talba ta' dak ir-raġel ħażin. Dak il-ħin stess hija tawlet idha u ħatfet u refgħet lil dak ir-raġel minn xagħru. Kif raw hekk, ix-xjaten iddispraw, bdew iqattgħu f'xagħarhom u ħarbu minn hemm jiġru kemm jifilħu.

Mela dawn kienu xi verżjonijiet fil-qosor ta' diversi leġġendi Għawdxin dwar il-Madonna. Dawn il-leġġendi

ttieħdu qabel xejn minn fomm il-poplu Għawdxi għaliex il-leġġendi Għawdxin huma fuq kollox il-wirt folkloristiku tal-poplu tagħna. Ġew ukoll ikkonsultati diversi kotba bħalma huma: *Għawdex bil-Ġrajja tiegħu,* ta' Mons. Ġużeppi Farrugia, kotba tal-leġġendi ta' Ġorġ Pisani, Leġġendi Għawdxin miktuba minn Joseph A. Xerri, *Forty Legends from Gozo* u *Forty more Legends from Gozo*, ta' Joseph Bezzina, diversi kitbiet ta' John Bezzina, *A History of Għarb* ta' Patrick Formosa, *Niċeċ f'Għawdex* ta' diversi kittieba u oħrajn. Leġġendi oħra ġbarthom jien direttament minn fomm il-poplu tagħna.

## Captions tar-ritratti li jidheu f'dan l-artiklu

Il-Kattidral ta' Għawdex, dari msejħa l-Matriċi. Skond it-tradizzjoni fil-bidu kienet tempju pagan li wara ġie ddedikat lill-Madonna.

Is-Santwarji Nazzjonali tal-Kunċizzjoni fil-Qala, Għawdex, dari magħruf bħala Santa Marija tal-Qala. Madwar din il-knisja jingħadu bosta leġġendi.

Il-Knisja Parrokkjali l-qadima ta' Għajnsielem fejn jingħad li kienet il-Madonna stess li ordnat li titwaqqaf statwa tagħha taħt it-titlu tal-Madonna ta' Loretu.

Il-Knisja magħrufa bħala "Taż-Żejt" fil-Għarb li dwarha jingħadu bosta leġġendi ħelwin.

Il-Għolja ta' Dbiegi, l-ogħla ponta tal-gżira Għawdxija fejn fl-antik kien hemm knisja leġġendarja ddedikata lill-Assunta.

In-Niċċa tal-Fgura, aħna u deħlin fir-raħal tal-Għarb, Għawdex, li nbiet flok oħra qadima li kienet twaqqgħet minħabba t-twessigħ tat-triq.


CREATION BUTCHER
Autumn Street, Mosta.
Tel: 433984
Prop. Stephen Pace
For Fresh and Frozen Meat
Free Delivery


HERITAGE
ANTIQUES
& BRIC - A BRAC
(Prop. Charles Axiak)
Buying & Selling
49, Eucharistic Congress Road,
Mosta. Tel: 415949

NIXTRI
Oġġetti antiki bħal għamara, gradenzi, lampi bozoz, pittura
arloġġi, ħwat, fuħħar, kaxxetti, fajjenza u oħrajn.